**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-11 ta' Jannar, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 696/15 LM

**Renato Aquilina ki 275678M**
**Doreen Aquilina ki 174171M**

**-vs-**

**Christopher James Arthur Townshend**
**Ki 127614A**
**Adlene Townshend 364175M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur **Renato Aquilina** ppreżentat fl-4 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu talab li jingħata l-opportunità jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu wara li naqas li jwieġeb għall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti. L-attur rikonvenzjonat Renato Aquilina jgħid li naqas li jwieġeb entro t-terminu preskritt mil-liġi għax ma ndunax bil-kontro-

talba, "purament bi żvista u anke minħabba l-ammont ta' karti li kien fih id-dokumenti li l-esponenti ġie notifikat bih";

Il-konvenuti rikonvenzjonanti, b'rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru, 2015 wieġbu li "żvista" mhix skużanti għaliex biex tiġi ġġustifikata l-kontumaċja jrid ikun hemm impediment leġittimu; u li ċertament mhix skużanti "li lanqas biss inqraw il-karti li l-atturi ġew notifikati bihom" u kkonkludew billi rrilevaw li jekk tintlaqa' t-talba tal-atturi din tkun "preċedent perikoluż";

In sostenn tal-posizzjoni tagħhom il-konvenuti jiċċitaw bħala awtorità s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar, 2005 (u mhux 2015 kif jgħidu l-konvenuti), kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middle Sea Valletta Life Assurance (126/2003).**

**Ikkunsidrat:**

Illi jekk tħares lejha mil-lat oġġettiv, kontumaċja tfisser, iktar milli ma tkunx preżenti waqt is-smigħ fil-kawża, li ma tiddefendix ruħek – *non defendere videtur, non tantum qui latit, sed is qui praesens negat se defendere, aut non vult suscipere actionem* (1. 52, ff. *de div. regul.jur.).*

Illi lilhinn mill-użu tagħha fil-foro legali, fl-ilsien Taljan, il-kelma *contumacia* kienet oriġinarjament tfisser diżubbidjenza b'riżultat ta' suppervja; li wieħed ma jbaxxix rasu għall-awtorità tal-Knisja minkejja l-konsegwenza serja li jista' jiġi skomunikat; f'termini iktar ġenerali li

wieħed ma jbaxxix rasu quddiem superjur tiegħu: "Contumacia è quando l'uomo ha in dispetto suo maggiore, e negali di fare l'onore o 'l servigio che per ragione li dé fare" (XXV 14). Skont il-**Libro de' vizî e delle virtudi** ta' **Bono Giamboni**, il-kontumaċja "è elencata tra i vizi che derivano dalla vanagloria".

Illi din il-Qorti spiss qegħdin jitqanqlu quddiemha kwistjonijiet dwar jekk stat kontumaċjali għandu jiġi ġġustifikat jew le, spiss b'ċitazzjoni tal-ġurisprudenza anteċedenti. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li huwa opportun li tidħol fil-qofol ta' din il-materja, li fil-fehma tagħha ma tista' qatt tiġi ttrattata tajjeb kemm-il darba wieħed ma jżommx f'moħħu l-iżvilupp storiku tiegħu kif ukoll l-iskop aħħari ta' dan l-istitut fid-dritt proċedurali.

Illi fi żminijiet bikrija, kienu jintużaw mezzi iktar enerġiċi biex iġiegħlu lill-konvenut jidher għall-ġudizzju: l-attur kien awtorizzat ikaxkar lill-konvenut riluttanti – *abtorto collo* (litteralment: b'għonqu mgħawweġ. Fil-lingwaġġ komuni Ruman din il-frażi kienet tfisser li wieħed ikun imġiegħel jagħmel xi ħaġa) għal quddiem l-imħallef.

Iktar tard bdew jintużaw mezzi inqas goffi iżda xorta waħda ħorox, bħas-sekwestru tal-ġid tal-konvenut (*l'immissio in bonorum possessionem*). Jekk minkejja dan kollu l-konvenut kien xorta waħda ma jitfaċċax (sakemm ma tkunx ġa bdiet l-ewwel fażi msejjħa *in jure*) il-kawża ma kinitx tista' titkompla għax il-*litis contestatio* ma setgħetx isseħħ mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fil-kawża (ara fost l-oħrajn Bonamici, *Storia della procedura civile romana* (Pisa, 1886), vol. 1 p. 578). Għal raġunijiet ovvji, din is-sistema la kienet loġika u lanqas ġusta; la

mal-attur u lanqas mal-konvenut. Minħabba din il-ħruxija, kien jingħad fl-awli tal-qrati li *"contra contamaces omnia jura clamant".*

Illi biż-żmien, il-liġi evolviet b'mod li l-preżenza tal-konvenut ma baqgħetx indispensabbli billi beda jitqies li jekk ma jidhirx ikun qiegħed jikkontesta t-talba. L-attur beda jista' jressaq il-provi tiegħu u, jekk jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu, il-konvenut kien jiġi kkundannat bħala kontumaċi, fis-sens li ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha.

Għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tista' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-traċċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.

Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista' tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.

Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm

każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.

F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.

Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll isarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: *Interest rei publicae ut sit finis litium*.

Illi huwa utli li l-Qorti tfakkar l-ammoniment mogħti Permanent Law Reform Commission fir-rapport tagħha tat-22 ta' Novembru 1993:

> *"The obtaining position with regard to default varies depending upon the manner in which the proceedings are instituted, and that is whether by writ of summons or libel, as well as depending upon whether the proceedings are taken in the inferior or superior courts or on a first or second instance. Though the possibility of default exists in all cases, the matter is visited with the full vigour of the law only in the case of proceedings instituted by writ of summons in the Superior Courts. In such cases section 158(9) provides that if the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in that section, the court shall give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for the default in filing the statement and declaration within the prescribed time.*
>
> *"The Commission is of the opinion that this provision is excessively formalistic and ritualistic in its view of the proceedings. The right to a fair hearing inherent in a party is very often, in this manner, made dependent on the efficiency or otherwise of the lawyer entrusted with his defence. Moreover the Commission has noted that other Courts do not always adopt a standard rule in qualifying as culpable or otherwise the failure to present the defence in good time. When one considers the serious consequence attendant at law upon default, a situation where a standard rule is not applied throughout is unacceptable.*
>
> *"The Commission has also directed its study to the position obtaining in foreign jurisdictions. The comparative ease with which default can be cured in these jurisdictions compares starkly with the position obtaining in Malta. The position in England goes further than anywhere else and allows a default judgement to be set aside if the defendant can show to the satisfaction of the court that he had a good defence which he could have set up to the claim (John O'Hare and Robert N. Hill, Civil Litigation, p. 251.). In Italian procedure it is possible for the defendant to cure his default by putting in an appearance, even at a later stage than that established for raising his defence (Satta, Commentario al Codice di Procedura Civile, p. 387). The Commission favours the amendment of Maltese law to bring it in line, on this point, with the position obtaining in other foreign jurisdictions.*

> *"The Commission is therefore suggesting that the position should be amended so that a party will be allowed to cure his default if he can show to the satisfaction of the court that there was no fault on his part in the default or that prima facie he can put up a defence to the claim".*

L-emenda għall-Artikolu 158 fir-rigward, kif proposta mill-Kummissjoni, kienet taqra hekk:

> *"If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this section, the court may, after hearing such evidence as it may consider necessary, give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time, or unless he satisfies the court that he has a prima facie defence, in law or in fact, to the action on the merits or unless he otherwise discloses such issues of law or of fact as may be deemed sufficient to entitle him to defend the action".*

Fil-fatt, is-suġġeriment tal-Kummissjoni intlaqa' mil-leġislatur, anke jekk b'mod attenwat. Il-liġi illum taqra hekk:

> *"158(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti* ***raġuni tajba*** *li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

"Raġuni tajba" hija tradotta bħala "a reasonable excuse" li għandha tifsira iktar wiegħsa, filwaqt li fit-test Taljan insibuha bħala "una giusta causa" (Artiklu 179 tal-Ordinanza IV. 1854).

Illi forsi s-sentenza bl-ikbar orjentament teleoloġiku fir-rigward tal-istitut tal-kontumaċja hija dik ippronunzjata mill-Qorti tal-Appell, kolleġjalment komposta, in re: **Costantino Abela vs. George Azzopardi** (22.05.1990 Kollez Vol LXXIV.ii.337):

*"Is-sinjifikat oriġinali u preċiż tal-kontumaċja, fil-konnotat ġuridiku tagħha, huwa n-nuqqas tal-konvenut li jkun preżenti għall-ġudizzju u dan minħabba motivi inġustifikanti inkwantu dik l-assenza tindika d-disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti, indoċilità tas-suġġett tad-dritt għar-rikjam tal-organi ġudizzjarji; renitenza għal dak li hu obbligatorju, u allura arroganza tal-konvenut fil-konfront tal-Ordinament tal-Proċeduri Ġudizzjarji;*

*"Il-preżenza tal-konvenut fil-kawża – fis-sens ġuridiku tal-kelma tfisser li huwa jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u dikjarazzjoni ġuramentata fiż-żmien stabbilit fil-liġi u meta ma jagħmilx dan u ma jiġġustifikax dik l-ommissjoni, għandu jiġi kkunsiddrat kontumaċi – kif kjarament tiddisponi l-liġi. Il-kontumaċja għalhekk trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest illi assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza wkoll mill-udjenza – biex il-konvenut jiġi ritenut bħallikieku kontumaċi – fis-sens pjen tal-kelma kif ingħad fuq;*

*"Il-preżenza tal-konvenut fl-udjenza għalhekk hija indizju li l-istess konvenut mhuwiex disubbidjenti għall-ordni tal-Qorti u l-Qorti għalhekk hija fl-obbligu li tindaga jekk il-preżenza fl-udjenza hix ġenwina jew le, u fiha jiġi ndagat jekk l-assenza fl-atti proċesswali hix ġustifikata jew le. Din l-indaġini hija obbligata għaliex il-konsegwenza tal-kontumaċja hija gravi in kwantu ċ-ċaħda tal-ordinament mill-konvenut tittieħed bħala rinunzja tal-konvenut għad-dritt tiegħu fundamentali fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja dak li jagħti r-raġunijiet tiegħu kontra dawk ir-raġunijiet li jinġiebu kontra tiegħu;*

*"Il-ġurisprudenza għalhekk eżaminat l-istitut tal-kontumaċja u analizzat ukoll il-forom tal-ġustifikazzjoni tal-istess u ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża* ***Cassar vs. Vassallo*** *(Volum XXIX.i.1581) fejn hemm miġbura s-sentenzi preċedenti rilevanti;*

*"Fil-każ preżenti l-kontumaċja tal-konvenut ma kinitx kompluta, inkwantu huwa deher għall-ewwel seduta …*

*"Huwa manifest illi biex dan il-prinċipju" (tal-audi alteram partem) "ma jiġix applikat irid ikun hemm raġunijiet ċari u univoċi li effettivament il-konvenut*

> *irrinunzja għal dak id-dritt bil-kontumaċja tiegħu għall-ordni tal-Qorti biex jidher u jirrispondi għall-ġudizzju. L-interess li wera l-konvenut, ir-rikorsi tiegħu biex jitlob li jiddefendi ruħu, matul il-proċess li dam sejjer ħdax-il xahar, juru li l-konvenut ma ġiebx ruħu in konformità mal-ispirtu ta' indoċilità, disubbidjenza, kontumaċja u renitenza li huma l-karatteristiċi tal-konvenut kontumaċi".*

Illi fid-dawl tal-prinċipji suesposti, huwa ċar li l-kontumaċja, bħala miżura ta' natura punittiva neċessarja sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti, però minħabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorożità tal-proċedura għandha tiġi applikata u interpretata b'mod restrittiv, kif insenjat fil-kawża fl-ismijiet **Emanuela Gerada vs. Joseph Abela et – A.C. 17 ta' Marzu 1997.**

Illi għalhekk din il-Qorti tqis li l-prinċipji regolanti l-istitut tal-kontumaċja kif evolut mill-Qrati tagħna, u riflessi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Noel Calleja et. v Middle Sea Valletta Life Insurance** iċċitata mill-konvenuti fir-risposta tagħhom, għandhom jinqraw fid-dawl tal-premess u ċjoè illi dan l-istitut huwa essenzjalment wieħed punittiv immirat biex irażżan atteġġjamenti ta' kontumelja fil-konfront tal-Qorti.

Tal-istess fehma kienet din il-Qorti, diversament ippreseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Adriana sive Diane Vella vs. Stephen Vella** mogħtija fit-30 t'April 2002 (RCP) li inċidentalment il-fattispeċje tiegħu għandhom ċertu xebħ ma' dawk tal-kawża preżenti billi f'dak il-każ il-kontumaċi kien irċieva żewġ ċitazzjonijiet jixxiebħu u meta ġie notifikat bit-tieni waħda ħaseb li din kienet kopja tal-oħra:

> *"Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet*

***Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs. Alfred Ellul*** *(JSP deċiża fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-*

*"1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja.*

*"2. Lanqas tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża.*

*"3. Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta.*

*"4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu.*

*"5. L-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi.*

*"6. L-iżball ma hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli għaliex jekk ikun vinċibbli allura jiġi ekwiparat għall-kolpa.*

*"7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun kif intqal, "una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili".*

*"8. L-impossibilità li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikoltà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*"9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u oħrajn).*

*"Dawn il-prinċipji għandhom però jiġu applikati fl-isfond tas-segwenti insenjament ta' din il-Qorti illi jenfasizza l-oriġini tal-istitut tal-kontumaċja bħala miżura ta' dixxiplina lejn l-awtorità tal-Qorti u sanzjoni għan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità tagħha (vide* ***Macpherson Mediterranean Ltd vs. Godwin Gatt Suban et*** *deċiża 21.4.1999 – Citazzjoni Numru 2409/97/RCP).*

*"B. APPLIKAZZJONI TAL-LIĠI GĦALL-KAŻ IN EZAMI*

*"Illi l-bażi tat-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mitluba mill-konvenut fir-rikors tiegħu tat-8 ta' Frar 2001 hija li għalkemm in-notifika taċ-ċitazzjoni saret validament huwa ħaseb li l-inkartament kien jirreferi għall-kawża jew proċeduri oħra ġia pendenti quddiem din il-Qorti bejn l-istess partijiet u senjatament fil-kawża fl-ismijiet inversi b'Ċitazzjoni Numru 1277/99, u kien għalhekk li peress li ħaseb li huwa ma kellux għalfejn jirrispondi l-istess interpellanza u kien biss meta mar għand l-avukat tiegħu li dan infurmah li din kienet proċedura ġdida u kien naqas li jirrispondi fit-terminu stipulat.*

*"Illi dawn il-fatti ma ġew bl-ebda mod ikkontestati u fl-opinjoni ta' din il-Qorti għandu jirriżulta li dan kien żball ġenwin da parti tal-konvenut li tfixkel azzjoni b'oħra b'mod li huwa qatt ma kellu intenzjoni jew li juri dispett lejn l-Awtorità tal-Qorti u lanqas li jinjora l-interpellazzjonijiet lilu magħmula u wisq anqas li ma jikkontestax l-istess kawża. Ċertament li din il-Qorti ma qegħda bl-ebda mod tgħid li l-komportament tal-konvenut huwa idejali jew ta' min ifaħħru, però miċ-ċirkostanzi tal-każ jidher li l-konvenut aġixxa taħt impressjoni żbaljata u b'hekk lanqas għandu jiġi sanzjonat b'mod li jiġi mwaqqaf milli jiddefendi l-kawża tiegħu, anke peress li immedjatament kif ġie attirat lilu mill-avukat tiegħu l-iżball li huwa kkommetta huwa mill-ewwel aġixxa sabiex jirratifika l-istess kemm permezz tar-rikors premess u kemm ukoll mill-fatt li huwa kważi dejjem deher għas-seduti li saru sussegwentement quddiem din il-Qorti, anke permezz tad-difensur tiegħu.*

*"Illi fil-fatt huwa sintomatiku dak li ngħad fis-sentenza: **"David Jones vs. Joe Pace"** deċiża fis-16 ta' Novembru 1998 (Cit Nru 1302/97/RCP), u ċjoè:*

*"Illi l-punt kruċjali f'din il-vertenza naxxenti minn rikors tal-konvenuti hija biss jekk l-konvenuti kienux negliġenti u l-kontumaċja tagħhom kenitx waħda kolpuża, u għalhekk għandhomx jiġu ammessi biex jippurgaw l-kontumaċja.*

*"Illi f'dan l-aspett hija kruċjali l-volontarjetà o meno tal-konvenut f'dan il-każ, u minn eżami tal-provi, jirriżulta ippruvat, li għalkemm l-komportament tal-konvenut ma kienx wieħed ideali, fil-fatti specie tal-każ, jirriżulta ċar li huwa ma rrispondiex dan il-każ stante li ġenwinament ħaseb li ż-żewġ atti ġudizzjarji li rċieva, li kienu simili ħafna, f'dak li jirrigwarda partijiet, in-natura tal-kawża, is-sede tal-Qorti, u wkoll in-numri tal-istess, kienu fil-fatt kopja ta' xulxin u għalhekk kawża waħda, tant li għand l-Avukat huwa fil-fatt ħa ċitazzjoni waħda, li ġiet debitament risposta, u l-oħra ma ħadhiex peress li ħaseb li kienet biss kopja. Kif induna li fil-fatt kienu żewġ kawżi, sar ir-rikors mertu tal-lum.*

*"Fuq kollox ir-reazzjoni tal-konvenut meta nduna bl-iżball, juri li l-azzjoni tiegħu ma kenitx intiża biex "turi kontumelia u dispett għas-sejħa tal-Qorti ... ... għaliex hija din id-diżubbidjenza, animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumaċja u dispett, li l-Liġi tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumaċja bħal dik, hi element ta' diżordni soċjali" (**Joseph Vella noe vs. John Vella** Vol.VLXXXII.II.171. Appell 21.5.1993).*

*"Illi dan il-każ huwa simili għal dak fuq kwotat bid-differenza li ċ-ċitazzjoni li għaliha rrefera l-konvenut kienet diġà pendenti quddiem din il-Qorti u għalhekk l-istess prinċipji fuq elenkati għandhom japplikaw mutatis mutandis*

*għall-każ odjern.*

*"Illi fil-fatt dan jikkonferma dak li ngħad fis-sentenza bl-ismijiet* ***Emanuela Gerada et vs. Joseph Abela et*** *(A.C. 17 ta' Marzu 1997) fejn inghad illi:*

> *"Hemm differenza sostanzjali bejn konvenut li juri nuqqas ta' interess fil-kontestazzjoni għat-talba tal-attur u anke ma jidhirx fl-udjenza meta jiġi msejjaħ u bejn konvenut li jindika li huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attriċi però li dan m'għamlux bil-mod preskritt bil-liġi jew fit-termini previsti fil-liġi (Vol LXXVII.iii.195)".*

*"Illi għalhekk it-talba fir-rikors tal-konvenut tat-8 ta' Frar 2001 għandha tiġi milqugħa."*

Fil-kawża preżenti, għandna mhux konvenut, imma attur stess li rċieva kontro-talba. Dawn il-proċeduri ġew miftuħin fuq inizjattiva tiegħu u żgur li m'għandu l-ebda interess li t-talbiet tiegħu jinġiebu fix-xejn permezz ta' kontro-talba li għaliha jaqa' kontumaċi.

Mhux ikkontestat li l-attur rikonvenzjonat ma weġibx għall-kontro-talba għax ma ndunax biha billi din kienet tinstab fost għadd konsiderevoli ta' dokumenti esibiti mar-risposta ġuramentata. Kontro-talba li ma saritx, kif inhu konswet u mitlub mil-liġi (l-Artikolu 398 Kap 12:(1) "Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu **fir-risposta** bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le."), fl-istess att tan-nota tal-eċċezzjonijiet imma saret b'mod separat u fil-forma ta' rikors ġuramentat. Fi kliem ieħor, ma saritx **fir-**risposta, iżda **mar-**risposta. Għalhekk huwa ferm verosimili – u del resto l-anqas huwa kkontestat bħala fatt – li mal-ewwel daqqa t'għajn l-attur ra l-ewwel faċċati kontenenti biss nota tal-eċċezzonijiet u ħaseb li l-bqija kienu kollha dokumenti esibiti. Jirriżulta għalhekk li l-attur ġie mifxul mill-mod

li bih ġiet ippreżentata l-kontro-talba u, għalkemm kien jinduna kieku kien iktar attent, lanqas jista' jingħad li kien negliġenti b'xi mod evidenti jew grossolan.

**Illi għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li l-istess attur rikonvenzjonat irnexxielu jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, tiċħad ir-risposta tal-konvenuti rikonvenzjonanti tad-19 ta' Novembru 2015, tilqa' t-talba tal-attur rikonvenzjonat tal-4 ta' Novembru 2015 u għalhekk tiffissa terminu ta' għoxrin jum mil-lum sabiex l-istess attur rikonvenzjonat jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti skont il-liġi.**

**Illi minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jibqgħu a kariku tal-attur.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------